MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 133/2004

JP Advertisting Limited

**vs**

**Lily Properties Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' tlett elef mitejn u erbgha u sittin liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (LM3264.57) dovuti lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta in konnessjoni mal-kampanja pubblicitarja 005299 hekk kif indikat mid-dokument anness u mmarkat Dok A, bl-imghax kummercjali mid-data tal-fattura relattiva u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 365/04 fl-istess ismijiet premessi. Is-socjeta' konvenuta fl-imsemmi avviz giet ingunta sabiex

tibghat lil rapprezentant taghha sabiex jidher ghaliha ghas-subizzjoni;

Rat id-dokument esebit;

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex s-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-24 ta’ Mejju, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tas-socjeta’ attrici u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef mitejn u erbgha u sittin lira u sebgha u hamsin centezmu (LM 3264.57) bl-imghax kummercjali mit-30 ta’ April 2003 (id-data tal-fattura esebita) u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------